21 ta' Mejju, 1951.

Imħallfin :

L-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Onorato Mangion *versus* Carmelo Mallia ne.

**"War Damage Commission" — Ħsara tal-Gwerra — Appell — Art. 24 (6) ta' l-Ordinanza III ta' l-1943.**

*Jekk ċerta ħsara hijiex ħsara tal-gwerra jew le fis-sens ta' l-Ordinanza dwar il-Ħsarat tal-Gwerra hija kwistjoni ta' punt ta' liġi, li tirrendi appellabili d-deċiżjoni tal-"War Damage Commission" fuq dik il-kwistjoni.*

*Jekk fir-rikostruzzjoni ta' bini mwaqqa' bil-għemil tal-gwerra l-Awtorità Sanitarja tordna li jsiru xi komoditajiet li qabel ma kienux jeżistu, u b'hekk tkun meħtieġa spiża addizzjonali li ma kienetx tkun meħtieġa kieku s-Sanità ma tatx dak l-ordni, dik l-ispiża ma hix ħsara tal-gwerra, avvolja kieku l-post ma ġiex imwaqqa' bil-gwerra dak ix-xogħol addizzjonali ma kienx jiġi ordnat.*

Il-Qorti — Rat ir-rikors ta' Onorato Mangion, fejn dana qal li l-War Damage Commission naqqset £72. 4. 11 mis-somma ta' £2511. 11. 7 minnu reklamata għal xogħlijiet ta' tiswija ta' ħsarat tal-gwerra fil-fond nru. 37 Saint Publius Street, Floriana, skond l-intimazzjoni li ġiet lilu notifikata fit-28 ta' Ottubru 1950; u talab li dina l-Qorti tirriforma d-deċiżjoni tal-Kummissjoni fuq imsemmija tas-27 ta' Ottubru 1950, billi jiġu ammessi l-partiti maqtugħa barra, i.e. £5. 12. 8, £7.

£11. 12. 2, £5. 10. 0, u £1. 10. 0, u tiġi ammessa wkoll il-partita ta' £80 għal xogħlijiet ordnati mill-Awtorità Sanitarja;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-partiti reklamati, barra dik ta' £80, kienu jirrigwardaw xogħlijiet li l-appellant għamel flok oħrajn li kellhom isiru fil-fond in kwistjoni, skond ma jippretendi l-appellant. Iżda r-raġuni li għaliha dawk il-partiti ġew imnaqqsin mill-Kummissjoni, kif jirriżulta mill-avviż, kienet (1) kwantu għas-somma ta' £5. 12. 8 għax skond ix-"schedule of works" ..........F'dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma tara ebda kwistjoni ta' pont ta' liġi. U lanqas ma jinvolvi kwistjoni ta' pont ta' liġi l-użu tad-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li tagħti ndennità għal xogħlijiet li jkunu saru flok oħrajn li fil-fatti jkunu ġew ammessi. Għaldaqstant, fuq dawk il-partiti ma setax isir appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni (sez. 24 (6) War Damage Ordinance);

Ikkunsidrat;

Illi rigward il-partita ta' £80 relativa għall-loġoġ ta' antikamra tad-W.C., li saret minħabba l-ordni ta' l-Awtorità Sanitarja, irriżulta li fil-fatt dik l-ispiża saret għax fir-rikostruzzjoni s-Sanità nsistiet li d-W.C. jkollu l-antikamra, biex jiġi mifrud mill-kmamar ta' l-abitazzjoni skond il-liġi. Qabel, dik l-antikamra f'dak il-fond ma kienetx teżisti; u li kieku l-fond ma ġratlux il-ħsara bil-gwerra, l-assenza ta' l-antikamra setgħet tibqa' għaddejja. Għaldaqstant l-appellant jippretendi li minħabba f'hekk l-ispiża tirrigwarda wkoll ħsara tal-gwerra. Jekk ħsara hijiex ħsara tal-gwerra nkella le, u taqgħax fid-definizzjoni li l-liġi tagħti ta' ħsara tal-gwerra għall-finijiet tal-War Damage Ordinance, hija kwistjoni ta' pont ta' liġi, u għalhekk f'dana l-pont id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija appellabili;

Għaldaqstant l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità limitatament għal dina l-partita ma tistax tiġi milqugħa;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi, hija ħsara tal-gwerra dik li tkun ġiet kaġunata bħala riżultat dirett ta' għemil tal-għadu jew kontra l-għadu, jew bħala riżultat dirett ta' miżuri meħuda taħt l-awtorità kompetenti biex jiġi evitat it-tixrid, jew biex jit-

naqqsu l-konsegwenzi tal-ħsara, jew dik il-ħsara aċċidentali li tkun ġrat bħala riżultat dirett ta' miżuri prekawzjonali jew preparatorji relativi għall-għemil jew attakki tal-għadu u li jinvolvu riskju kbir. Il-loġoġ ta' l-antikamra tad-W.C. ġew meħtieġa għax l-Awtorità Sanitarja nsistiet li l-fond ikun konformi għall-eżiġenzi sanitarji moderni preskritti mill-liġi, u mhux bħala riżultat dirett ta' ħsara tal-gwerra. U tabilħaqq, kawża ta' l-ispiża kienet l-ordni tas-Sanità, u l-ordni tas-Sanità kellha bħala kawża l-liġi, u mhux il-ħsara tal-gwerra. Il-ħsara tal-gwerra kienet biss kawża indiretta, in kwantu tat l-okkażjoni lill-Awtorità Sanitarja li tinduna bl-istat tal-fond u bin-neċessità li dana jkun konformi għall-liġi. Għaldaqstant ma jistax jingħad li l-partita ta' £80 reklamata mill-appellant tirrigwarda ħsara tal-gwerra fis-sens ta' l-Ordinanza tal-Ħsarat tal-Gwerra;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità rigward il-ħames partiti msemmija fir-rikors, u ammontanti komplessivament għal £32. 19. 11, u għalhekk rigward tagħhom tiddikjara irritu u null l-appell, bl-ispejjeż kontra l-appellant; tiċħad l-eċċezzjoni ta' l-inappellabilità rigward il-partita ta' £80 relativa għax-xogħol ordnat mill-Awtorità Sanitarja, bl-ispejjeż kontra l-appellat; u tiċħad it-talba ta' l-appellant rigward l-istess partita, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

---